



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 26 ta' Settembru 2022
(OR. en)

12794/22

Fajl Interistituzzjonali:
2022/0301(NLE)

FRONT 333
COWEB 100
MIGR 270

PROPOSTA

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	23 ta' Settembru 2022
lil:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
Nru dok. Cion:	COM(2022) 492 final
Suġġett:	Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni, tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Maċedonja ta' Fuq dwar attivitajiet operazzjonali mwettqa mill-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta fir-Repubblika tal-Maċedonja ta' Fuq

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż id-dokument COM(2022) 492 final.

Mehmuż: COM(2022) 492 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 23.9.2022
COM(2022) 492 final

2022/0301 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni, tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Maċedonja ta' Fuq dwar attivitajiet operazzjonali mwettqa mill-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta fir-Repubblika tal-Maċedonja ta' Fuq

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

• Raġunijiet u objettivi tal-proposta

Wieħed mill-kompiti tal-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta (l-“Aġenzija”) huwa li tikkooopera ma’ pajjiżi terzi fir-rigward tal-oqsma koperti mir-Regolament dwar l-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta (ir-Regolament (UE) 2019/1896) “inkluż permezz tal-istazzjonament operazzjonali possibbli ta’ timijiet tal-ġestjoni tal-fruntieri f’pajjiżi terzi”¹. B’mod speċifiku, l-Aġenzija, bħala parti mill-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta, għandha tiżgura l-ġestjoni integrata Ewropea tal-fruntieri², li komponent minnhom huwa l-koooperazzjoni ma’ pajjiżi terzi fl-oqsma koperti mir-Regolament dwar l-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta “b’enfasi partikolari fuq pajjiżi terzi ġirien u fuq pajjiżi ta’ oriġini jew ta’ tranżitu għall-immigrazzjoni irregolari³. L-Aġenzija tista’ tikkooopera mal-awtoritajiet ta’ pajjiżi terzi kompetenti fi kwistjonijiet koperti mir-Regolament sa fejn ikun meħtieġ għall-issodisfar tal-kompiti tagħha⁴ u tista’ twettaq azzjonijiet relatata mal-ġestjoni integrata Ewropea tal-fruntieri fit-territorju ta’ pajjiżi terzi soġġett għal ftehim ma’ dak il-pajjiżi terzi.

Skont l-Artikolu 73(3) tar-Regolament (UE) 2019/1896, f’ċirkostanzi li jeħtieġu l-istazzjonament ta’ timijiet tal-ġestjoni tal-fruntieri mill-korp permanenti tal-Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta f’pajjiżi terzi fejn il-membri tat-timijiet jeżerċitaw setgħat eżekuttivi, għandu jiġi konkluż ftehim dwar l-istatus mill-Unjoni mal-pajjiżi terzi ikkonċernat. Jenħtieġ li tali ftehim dwar l-istatus ikun ibbażat fuq il-mudell li l-Kummissjoni fasslet kif previst fl-Artikolu 76(1) tal-istess regolament. Il-Kummissjoni adottat dan il-mudell fil-21 ta’ Diċembru 2021⁵.

Matul il-quċċata tal-kriżi Ewropea tal-migrazzjoni u tar-refuġjati, mijiet ta’ eluf ta’ persuni li jfittxu l-ażil u migranti waslu fl-Unjoni Ewropea mill-Balkani tal-Punent, filwaqt li r-Repubblika tal-Maċedonja ta’ Fuq (“il-Maċedonja ta’ Fuq”) kienet fuq waħda mir-rotot primarji għall-moviment imħallat irregolari, fil-biċċa l-kbira mill-Greċja lejn is-Serbja. Filwaqt li l-għadd ta’ wasliet fl-Unjoni Ewropea naqas minn dak iż-żmien ‘l hawn, ir-rotta migratorja mill-Maċedonja ta’ Fuq għadha tintuża ħafna. L-għadd uffiċjali ta’ wasliet irregolari fil-Maċedonja ta’ Fuq fl-2021 huwa ta’ 20 874. Il-persuni f’moviment irregolari jibqgħu fil-mira ta’ gruppi kriminali organizzati involuti fil-faċilitazzjoni ta’ dħul klandestin ta’ persuni. Huma f’riskju ta’ ksur tad-drittijiet tal-bniedem tul ir-rotta. Ħames migranti mietu fl-2021 waqt li kienu qed jiċċaqalqu fil-pajjiż.

Fl-2017, il-Kummissjoni Ewropea fetħet negozjati mal-Maċedonja ta’ Fuq għal ftehim dwar l-istatus abbażi tar-Regolament preċedenti dwar il-Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta (ir-Regolament (UE) 2016/1624). In-negozjati ġew iffinalizzati b’suċċess bl-inizjalar tal-abbozz tal-ftehim dwar l-istatus mill-Kummissjoni u l-Maċedonja ta’ Fuq fit-18 ta’ Lulju 2018. Madankollu, il-ftehim dwar l-istatus ma ġiex iffirmit immedjatement u, fl-2019, ir-Regolament imsemmi qabel tħassar u ġie sostitwit bir-Regolament (UE) 2019/1896.

¹ L-Artikolu 10(1)(u) tar-Regolament (UE) Nru 2019/1896 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta’ Novembru 2019 dwar il-Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta.

² L-Artikolu 71(1) tar-Regolament (UE) 2019/1896.

³ L-Artikolu 3(g) tar-Regolament (UE) 2019/1896.

⁴ L-Artikolu 73(1) tar-Regolament (UE) 2019/1896.

⁵ Il-Komunikazzjoni COM(2021) 829 - Mudell ta’ ftehim dwar l-istatus kif imsemmi fir-Regolament (UE) 2019/1896 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta’ Novembru 2019 dwar il-Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 1052/2013 u (UE) 2016/1624.

Fid-29 ta' Lulju 2022, il-Kummissjoni rċeviet l-awtorizzazzjoni tal-Kunsill biex tiftaħ negozjati mal-Maċedonja ta' Fuq għal ftehim dwar attivitajiet operazzjonali li għandhom jitwettqu mill-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta fil-Maċedonja ta' Fuq. Il-Kummissjoni Ewropea, f'isem l-Unjoni Ewropea, u l-Maċedonja ta' Fuq kellhom negozjati dwar il-ftehim dwar l-istatus fil-25 ta' Awwissu 2022. Il-Kummissjoni tikkunsidra li l-oġettivi stabbiliti mill-Kunsill fid-direttivi ta' negozjati tiegħu ntlaħqu u li l-ftehim hu aċċettabbli għall-Unjoni.

Il-proposta meħmuża għal Deċiżjoni tal-Kunsill tikkostitwixxi l-bażi ġuridika għall-konklużjoni tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Maċedonja ta' Fuq dwar attivitajiet operazzjonali mwettqa mill-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta fir-Repubblika tal-Maċedonja ta' Fuq.

Is-sitwazzjoni tal-pajjiżi assoċjati ma' Schengen

Din il-proposta tibni fuq l-acquis ta' Schengen fil-qasam tal-ġestjoni tal-fruntieri esterni. Madankollu, l-Unjoni ma għandha l-ebda setgħa li tikkonkludi ftehim dwar l-istatus mal-Maċedonja ta' Fuq b'mod li jorbot lin-Norveġja, lill-Iżlanda, lill-Iżvizzera u lil-Liechtenstein. Sabiex jiġi żgurat li l-gwardji tal-fruntiera u persunal rilevanti ieħor li jintbagħtu minn dawk il-pajjiżi lejn il-Maċedonja ta' Fuq jibbenefikaw mill-istess status kif previst fil-ftehim dwar l-istatus, id-dikjarazzjonijiet konġunti meħmuża mal-ftehim dwar l-istatus jenħtieġ li jiddikjaraw ix-xewqa li jiġu konklużi ftehimiet simili bejn il-Maċedonja ta' Fuq u kull wieħed minn dawk il-pajjiżi assoċjati.

Din id-Deċiżjoni tikkostitwixxi żvilupp tad-dispożizzjonijiet tal-acquis ta' Schengen li fihom l-Irlanda mhix qed tieħu sehem, f'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/192/KE; Għaldaqstant l-Irlanda mhix qed tieħu sehem fl-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni u mhix marbuta biha u lanqas suġġetta għall-applikazzjoni tagħha. F'konformità mal-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll Nru 22 dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, id-Danimarka mhijiex qed tieħu sehem fl-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni u mhijiex marbuta biha u lanqas suġġetta għall-applikazzjoni tagħha.

• **Konsistenza ma' politiki oħra tal-Unjoni**

It-tisħiħ tal-kontrolli tul il-fruntieri tal-Maċedonja ta' Fuq se jkollu impatt pożittiv fuq il-ġestjoni tal-fruntieri esterni tal-Unjoni kif ukoll fuq il-fruntieri tal-Maċedonja ta' Fuq innifisha. Il-konklużjoni ta' ftehim dwar l-istatus tkun marbuta mal-oġettivi u l-prijoritajiet usa' għall-kooperazzjoni kif stabbiliti fil-Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni tal-Unjoni Ewropea mal-Maċedonja ta' Fuq⁶.

Il-konklużjoni ta' ftehim dwar l-istatus tista' wkoll tappoġġa l-isforzi u l-impenji usa' tal-Unjoni Ewropea biex tkompli tiżviluppa l-kapaċitajiet sabiex tikkontribwixxi għall-maniġġar ta' rispons għall-kriżijiet u tippromwovi l-konverġenza dwar kwistjonijiet barranin u ta' sigurtà bejn l-Unjoni u r-Repubblika tal-Maċedonja ta' Fuq.

⁶ [http://data.europa.eu/eli/agree_international/2004/239\(2\)/2021-09-09](http://data.europa.eu/eli/agree_international/2004/239(2)/2021-09-09).

2. **BAŻI ĠURIDIKA, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZZJONALITÀ**

• **Bażi ġuridika**

Il-bażi ġuridika għal din il-proposta hija l-Artikolu 77(2)(b) u (d) u l-Artikolu 79(2)(c) TFUE flimkien mal-Artikolu 218(6)(a) TFUE.

Il-kompetenza tal-Unjoni Ewropea li tikkonkludi ftehim dwar l-istatus hija prevista b'mod espliċitu fl-Artikolu 73(3) tar-Regolament (UE) 2019/1896, li jiddikjara “[f]’ċirkostanzi li jirrikjedu l-istazzjonament f’pajjiż terz ta’ timijiet tal-ġestjoni tal-fruntieri mill-korp permanenti meta l-membri tat-timijiet se jeżerċitaw setgħat eżekuttivi, l-Unjoni għandha [...] tikkonkludi mal-pajjiż terz ikkonċernat”.

Skont l-Artikolu 3(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, l-Unjoni Ewropea għandu, fost l-oħrajn, ikollha kompetenza esklużiva għall-konklużjoni ta’ ftehim internazzjonali meta l-konklużjoni tiegħu tkun prevista f’att leġislattiv tal-Unjoni. L-Artikolu 73(3) tar-Regolament (UE) 2019/1896 jipprevedi ftehim dwar l-istatus irid jiġi “konkluż bejn l-Unjoni u l-pajjiż terz ikkonċernat”. Konsegwentement, il-ftehim li għandu jiġi konkluż mal-Maċedonja ta’ Fuq jaqa’ fil-kompetenza esklużiva tal-Unjoni Ewropea. F’konformità mal-Artikolu 73(3) tar-Regolament (UE) 2019/1896, il-ftehim dwar l-istatus propost se jkun abbażi tal-mudell ta’ ftehim adottat mill-Kummissjoni fir-rigward tal-elementi l-ġodda, filwaqt li jibni fuq it-test tal-ftehim li diġà ntlaħaq mal-Maċedonja ta’ Fuq fl-2018.

• **Sussidjarjetà u proporzjonalità**

Il-ħtieġa għal approċċ komuni

Ftehim dwar l-istatus se jippermetti l-iskjerament fir-Repubblika tal-Maċedonja ta’ Fuq ta’ timijiet tal-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta mill-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta, bl-użu tal-possibbiltajiet kollha offriti mir-Regolament (UE) 2019/1896. Mingħajr tali għodda, l-iskjeramenti bilaterali mill-Istati Membri biss jistgħu jintużaw biex tiġi żviluppata u implimentata l-ġestjoni integrata Ewropea tal-fruntieri u tiġi appoġġata l-Maċedonja ta’ Fuq fil-ġestjoni ta’ għadd sinifikanti ta’ migranti li jfittxu li jgħaddu mit-territorju tagħha. Għalhekk huwa meħtieġ approċċ komuni għal ġestjoni aħjar tal-fruntieri tal-Maċedonja ta’ Fuq.

3. **RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET EX POST, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT**

Billi dan se jkun ftehim ġdid, ma setgħet titwettaq l-ebda evalwazzjoni jew kontroll tal-idoneità tal-istrumenti eżistenti. L-ebda valutazzjoni tal-impatt ma hija meħtieġa għan-negożjati dwar il-ftehim dwar l-istatus.

• **Drittijiet fundamentali**

F’konformità mal-premessa 88 tar-Regolament (UE) 2019/1896, il-Kummissjoni tivvaluta s-sitwazzjoni tad-drittijiet fundamentali rilevanti għall-oqsma koperti mill-ftehim dwar l-istatus fil-Maċedonja ta’ Fuq u tinforma lill-Parlament Ewropew b’dan.

Il-ftehim previst se jkun fih miżuri prattiċi relatati mar-rispett tad-drittijiet fundamentali u għandu jiżgura li d-drittijiet fundamentali jiġu rispettati bis-sħiħ matul l-attivitajiet organizzati fuq il-bażi tal-ftehim. Il-ftehim se jipprevedi mekkaniżmu tal-ilmenti indipendenti u effettiv f'konformità mad-dispożizzjonijiet rilevanti tar-Regolament (UE) 2019/1896 biex jimmonitorja u jiżgura r-rispett għad-drittijiet fundamentali fl-attivitajiet kollha organizzati fuq il-bażi tal-ftehim.

- **Protezzjoni tad-data**

Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data għandu jiġi kkonsultat dwar id-dispożizzjonijiet tal-ftehim dwar l-istatus relatati mat-trasferimenti ta' data jekk daww id-dispożizzjonijiet ikunu sostanzjalment differenti mill-mudell tal-ftehim dwar l-istatus.

4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

Ftehim dwar l-istatus fih innifsu ma għandu l-ebda implikazzjoni finanzjarja. L-iskjerament attwali ta' timijiet ta' gwardja tal-fruntieri fuq il-bażi ta' pjan operazzjonali jkun jinvolvi kostijiet imġarrba mill-baġit tal-Aġenzija. Operazzjonijiet futuri taħt ftehim dwar l-istatus se jiġu ffinanzjati permezz tar-riżorsi proprji tal-Aġenzija kif previst fiċ-ċiklu tal-baġit annwali tal-Unjoni.

Il-kontribuzzjoni tal-Unjoni għall-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta diġà tiffirma parti mill-baġit tal-Unjoni kif stabbilit fil-Konklużjonijiet tal-Kunsill għall-Ftehim Qafas Finanzjarju Pluriennali.

5. ELEMENTI OĦRA

- **Pjanijiet ta' implimentazzjoni u arranġamenti għall-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u r-rapportar**

Il-Kummissjoni se tiżgura l-monitoraġġ xieraq tal-implimentazzjoni tal-ftehim dwar l-istatus.

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni, tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Maċedonja ta' Fuq dwar attivitajiet operazzjonali mwettqa mill-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta fir-Repubblika tal-Maċedonja ta' Fuq

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 77(2)(b) u (d) u l-Artikolu 79(2)(c), flimkien mal-Artikolu 218(6)(a) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-kunsens tal-Parlament Ewropew¹,

Billi:

- (1) Skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2022/XXX ta' [...], il-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Maċedonja ta' Fuq dwar attivitajiet operazzjonali mwettqa mill-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta fir-Repubblika tal-Maċedonja ta' Fuq (il-“Ftehim”) kien iffirmit minn [...] fi [...], soġġett għall-konklużjoni tiegħu f'data aktar tard.
- (2) Skont l-Artikolu 73(3) tar-Regolament (UE) 2019/1896 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill², f'ċirkostanzi li jirrikjedu l-iskjerament ta' timijiet tal-ġestjoni tal-fruntieri mill-korp permanenti tal-Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta lejn pajjiż terz fejn il-membri tat-timijiet se jeżerċitaw setgħat eżekuttivi, għandu jiġi konkluż ftehim dwar l-istatus mill-Unjoni mal-pajjiż terz ikkonċernat abbażi tal-Artikolu 218 tat-Trattat.
- (3) Din id-Deċiżjoni tikkostitwixxi żvilupp tad-dispożizzjonijiet tal-acquis ta' Schengen li fihom l-Irlanda mhix qed tieħu sehem, f'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/192/KE³; Għaldaqstant l-Irlanda mhix qed tieħu sehem fl-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni u mhix marbuta biha u lanqas suġġetta għall-applikazzjoni tagħha.
- (4) F'konformità mal-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll Nru 22 dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka⁴, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, id-Danimarka mhijiex qed tieħu sehem fl-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni u mhijiex marbuta biha jew suġġetta għall-applikazzjoni tagħha. Ladarba din id-Deċiżjoni tibni fuq l-

¹ ĠU C, , p. .

² Ir-Regolament (UE) 2019/1896 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Novembru 2019 dwar il-Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 1052/2013 u (UE) 2016/1624, (ĠU L 295, 14.11.2019, p. 1).

³ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/192/KE tat-28 ta' Frar 2002 rigward it-talba tal-Irlanda biex tieħu sehem f'xi dispożizzjonijiet tal-acquis ta' Schengen (ĠU L 64, 7.3.2002, p. 20).

⁴ Il-Protokoll (Nru 22) dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka, ĠU C 326, 26.10.2012, p. 299–303.

acquis ta' Schengen, id-Danimarka għandha, f'konformità mal-Artikolu 4 ta' dak il-Protokoll, tiddeċiedi, fi żmien sitt xhur wara li l-Kunsill ikun iddeċieda dwar din id-Deċiżjoni jekk hijiex se timplimentaha fil-liġi nazzjonali tagħha.

(5) Il-Ftehim jenħtieġ li jiġi approvat f'isem l-Unjoni Ewropea,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Maċedonja ta' Fuq dwar attivitajiet operazzjonali mwettqa mill-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta fir-Repubblika tal-Maċedonja ta' Fuq (il-“Ftehim”), huwa b'dan awtorizzat f'isem l-Unjoni⁵.

Artikolu 2

Il-Kummissjoni għandha, f'isem l-Unjoni, tagħti n-notifika prevista fl-Artikolu 22(1) tal-Ftehim, sabiex jiġi espress il-kunsens tal-Unjoni li tintrabat bil-Ftehim.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha⁶.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill
Il-President

⁵ It-test tal-Ftehim huwa ppubblikat fil-ĠU L, p..

⁶ Id-data tad-dħul fis-seħħ tal-Ftehim se tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* mis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill.